**Animazzjoni tal-Quddies tal-Ħadd**
Il-Ħadd 5 ta' Novembru 2017
Il-31 Ħadd Matul is-Sena
Sena A

**Introduzzjoni**
Illum ser niċċelebraw il-liturġija tal-wieħed u tletin Ħadd ta' matul is-sena. Il-liturġija ta' dan il-Ħadd tistedinna sabiex inkunu bnedmin tal-azzjoni u mhux tal-kliem biss.
Nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**L-Ewwel Qari** (Mal 1, 14b – 2, 2b.8-10)
Is-silta li ser nisimgħu ċċanfar lil dawk li jimxu wara tagħlim qarrieq.
Nisimgħu l-ewwel qari.

**Salm Responsorjali** (Salm 130 (131), 1.2.3)
Mulej, ħarisli ruħi fis-sliem.

**It-Tieni Qari** (1 Tess 2, 7b-9.13)
L-insara jagħtu eżempju mhux bil-Kelma t'Alla bissa, iżda wkoll bl-azzjonijiet tagħhom.
Nisimgħu t-tieni qari.

**L-Evanġelju** (Mt 23, 1-12)
Ġesù jgħallem li jekk irridu tassew nimxu warajh, aħna mistiedna nkunu qaddejja eżemplari ta' xulxin.
Nilqgħu bil-ferħ it-tħabbira tal-Evanġelju billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien l-Hallelujah.

**Offertorju**
Il-bniedem irid jagħmel minn kollox sabiex jgħix ħajja li tkun offerta kontinwa lil Alla.
Filwaqt li jitilgħu l-offerti, inkantaw flimkien.

**Tqarbin**
Il-bniedem li jfittex li jaqdi lill-oħrajn tassew iħossu ferħan. L-Ewkaristija tgħinna nkunu qaddejja ta' xulxin.
B'dan l-atteġġjament, nersqu għat-tqarbin, filwaqt li nkantaw flimkien.